

# Il-Mellieħa fi Żminijiet Oħrajn

Mario Fenech

Għal dan l-artiklu tiegħi ta' din is-sena għall-Programm li tippubblika s-Soċjetà Mużikali Imperial tal-Mellieħa, għażilt uħud mir-ritratti li għandi fil-kollezzjoni tiegħi. F'dawn ir-ritratti naraw veduti differenti tal-lokalità tal-Mellieħa tant snin ilu.

Meta tlestiet il-faċċata tal-Knisja Parrokkjali l-ġdida tal-Mellieħa, bosta kienu dawk in-nies li waqt li jkunu fi triqithom lejn Għawdex fuq xi karrettun kienu jitfgħu l-ħarsa tagħhom lejn il-Knisja fuq l-għolja tar-raħal.

Id-ditta tal-fotografija "Chretiene & Co." tal-Belt Valletta kienet ħarġet dan ir-ritratt tal-faċċata tal-Knisja bil-kitba fuqu "Chiesa Nuova Della Melleiha 1921" (hekk miktuba fuq il-kartolina). Fir-ritratt jidhru l-kampnari tal-Knisja mingħajr il-qniepen, għad m'hemmx arloġġ, filwaqt li fuq in-naħa tal-lemin tal-Pjazza, il-ftit bini li hemm huwa b'sular wieħed. Jidher li dan ir-ritratt kien ġie miġbud waqt il-jum tal-Ħadd għaliex hemm ħafna nies u tfal fil-Pjazza.







Triq importanti fil-Mellieħa għaliex minnha jgħaddu bosta vetturi matul il-jum hija dik li minn ħdejn is-Santwarju twasslek lejn il-Bajja tal-Għadira. Fir-ritratt li huwa kartolina naraw din it-triq meta kienet għadha qiegħda tinbena kif jidher mill-istess ritratt. Fuq in-naħa ta' wara tal-Knisja ftit li xejn jidher bini, filwaqt li jidher sew il-bieb tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. Il-kitba fuq il-kartolina hija "View of Mellieha Church, St. Paul's statue in foreground".

It-tielet ritratt li huwa wkoll kartolina naraw fih dehra tar-raħal bil-Knisja Parrokkjali (illum Arċipretali) kif kien jidher minn tarf it-triq li tibda minn ħdejn il-mitħna l-qadima. Jidher sew il-bini li kien hemm f'nofs l-għelieqi ta' mal-ġenb tal-wied li issa għamel il-wisa' għal ieħor. Ħdejn il-bitħa tas-Santwarju jidhru erba' trakkijiet tal-linja f'dik li qabel kienet il-venda.

Jidhru wkoll sew fil-parti ta' fuq tar-ritratt iż-żewġ faċċati tal-każini tal-banda fil-pjazza, bl-arblu tal-bandiera fuqhom. Ħafna minn dan il-bini, li meta nġibed dan ir-ritratt kien għadu jidher sew, fil-



preżent huwa moħbi wara l-bini modern u għoli li ġie mibni matul dawn l-aħħar snin.

Dan huwa l-prezz li jġib miegħu l-iżvilupp, speċjalment f'lokalitajiet meqjusa bħala mportanti għall-industrija tat-turiżmu, bħalma huwa r-raħal tal-Mellieħa.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

BILLY'S

CHAUFFEUR SERVICE
CAR HIRE
HOLIDAY HOMES

113, George Borg Olivier Street, Mellieħa MLH 1020 - Malta
**Telephone:** (+356) 21 523 676, (+356) 21 523 784
**Mobile:** (+356) 9949 7575, (+356) 9942 7575 • **Fax:** (+356) 21 521 016

www.billyscarhire.com • e-mail: info@billyscarhire.com

